# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Rikors Numru: 90/2010 RM

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurat taghha Mario Difesa (I.D. 333055M)**
**u l-istess Mario Difesa**

**-vs-**

**Anthony Mizzi**

**Illum, 13 ta' Novembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurat taghha Mario Difesa (ID Nru 333055M) u l-istess Mario Difesa ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 2010, fejn l-istess socjeta' talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat Anthony Mizzi jhallasha s-somma ta' erbat elef, tliet mija tmienja u sebghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€4,378.35) jew somma verjuri rapprezentanti kumpens ghal hsara rekata fil-fond ossija Flat 6, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema, proprjeta' tar-rikorrenti Mario Difesa u assikurata mas-socjeta' assikuratrici rikorrenti u liema hsara giet ikkagunata esklussivament bi htija tal-intimat Anthony Mizzi. Bl-ispejjez u bl-

imghaxijiet legali sad-data tal-effettiva pagament kontra l-intimat li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Anthony Mizzi pprezentata fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-23 ta’ Mejju 2013 fejn eccepixxa:-

1. *Illi preliminarjament tigi eccepita n-nullita' tan-notifika tal-Avviz promotur stante illi tali notifika ma saritx fir-residenza ordinarja tal-istess esponent, u dan minkejja li s-socjeta' rikorrenti taf li l-esponent ma joqghodx f'dak l-indirizz fejn ippruvaw jaghmlu n-notifika, u dan kontra l-provvedimenti tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-proprjeta' li minnha allegatament sehh id-dannu hija proprejta' li kienet tappartjeni lil Anthony Mizzi u martu Edna Mizzi, u kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tat-tnejn li huma. Illi minkejja dan, is-socjeta' rikorrenti qatt ma interpellat lill-istess Edna Mizzi u lanqas ma involvieta fil-proceduri odjerni, u ghaldaqstant, l-istess rikors huwa null u bla effett;*

3. *Illi subordinatament, l-istess azzjoni hija perenta fil-konfront tal-konjugi Mizzi u dan a tenur tal-provvediment tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fond de quo m'ghadux proprejta' tal-konjugi Mizzi;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors odjern huwa dezert u dan a tenur tal-artikolu 963 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident li sehh kien incident li certament ma jwassalx ghal tort fuq l-esponent;*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni mitluba huma eccessivi u ghalha ssir il-prova ta' dan filwaqt li jigu pprezentati l-oggetti li gew mibdula u l-valur tal-istess.*
   *Salv kull eccezzjoni ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li minn issa hija ingunta in subizzjoni.*

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Jannar 2014 fejn gew determinati l-ewwel hames eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut 2014, billi cahdet l-ewwel, it-tieni u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li gew milqugha it-tielet u r-raba' eccezzjoni tieghu u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici kollha *"peress li huma milquta bl-effetti tat-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjonijiet imressqa mill-intimat u milqugha minn din il-Qorti."*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Dicembru 2015 fejn hassret is-sentenza moghtija fit-13 ta' Jannar 2014 kwantu ghad-decizjoni dwar it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet, u dan billi cahdet l-istess eccezzjonijiet u baghtet l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigh tal-kawza;

Rat illi wara digriet ta' rikuza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-24 ta' Dicembru 2015 abbazi tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12;

Rat illi din il-kawza regghet giet assenjata lil din il-Qorti diversament preseduta b'Digriet tal-Assenjazzjoni tal-Prim' Imhallef datat 19 ta' Jannar 2016.

Rat illi din il-kawza regghet giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' Digriet tal-Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef u dan b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti kif ukoll il-provi kollha;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-4 ta' Lulu 2019;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi wara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-13 ta' Jannar 2014 u wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Dicembru 2015, jifdal li jigu determinati biss is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fir-Risposta tieghu tat-23 ta' Mejju 2013[1], liema eccezzjonijiet jolqtu l-mertu tal-azzjoni attrici.

Din hija azzjoni ghad-danni fejn is-socjeta` attrici qieghda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas ghad-danni li hija ghamlet tajjeb ghalihom billi hallset lill-assikurat taghha Mario Difesa, kumpens ghall-hsarat sofferti fil-fond tieghu gewwa Flat 6, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema bhala konsegwenza tad-dhul ta' ilma mill-fond sovrastanti ghal dak tieghu. L-atturi jghidu illi l-fond li minnu kien provenjenti l-ilma li kkaguna l-hsara in kwistjoni, huwa dak appartenenti lill-konvenut Anthony Mizzi cioe` Flat 8. Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema.

[1] Fol. 29 *et seq*. tal-atti.

Il-konvenut jichad ir-responsabbilita` tieghu ghall-hsara kkagunata fil-fond tal-attur Mario Difesa u jikkontendi wkoll illi d-danni reklamati huma eccessivi u ghandha tingieb prova dwar l-oggetti rimpjazzati u l-valur taghhom.

Jirrizulta li l-attur Mario Difesa kellu in vigore polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta` Citadel Insurance plc liema polza kienet tkopri l-fond tieghu Flat 6, Lockstone Court, Windsor Terrace Sliema. Mario Difesa irregistra *claim* mas-socjeta` attrici fl-10 ta' April 2008 meta sab illi l-fond tieghu soffra hsarat minhabba l-ingress ta' kwantita` kbira ta' ilma li giet mill-proprjeta` ta' fuqu.

In bazi ghall-polza ta' assikurazzjoni, is-socjeta` attrici hallset lill-assikurat taghha Mario Difesa, somma li giet kwantifikata abbazi ta' diversi kwotazzjonijiet li gew ipprovduti lilha in konnessjoni mar-riparazzjonijiet li kienu mehtiega li jsiru fil-fond tal-assikurat taghha. B'kollox, u wara li tnaqqas il-*policy excess* fis-somma ta' €116.47 dovut mill-istess assikurat fuq ir-registrazzjoni tal-*claim*, kif ukoll wara li tnaqqset is-somma ulterjuri ta' €1,000 billi l-assikurat ghazel li jzomm l-ghamara li garrbet il-hsara, is-socjeta` attrici hallset lil Mario Difesa s-somma ta' €4,261.88. Is-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Difesa sabiex tezercita f'isimha stess l-azzjoni ghall-hlas tad-danni sofferti[2].

## PROVI

### Verzjoni Attrici

**Lawrence Formosa**[3], Senior Claims Manager tas-socjeta` Citadel Insurance plc li ma kienx ghadu jahdem mas-socjeta` attrici fiz-zmien meta nfetah il-*claim* mertu ta' din il-kawza, esebixxa d-dokumenti kollha fil-file dwar il-claim registrat mill-assikurat taghha Mario Difesa fl-10 ta' April 2008 in konnessjoni mal-hsara fil-fond tieghu Flat 6, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema. Ix-xhud

[2] Fol. 98.
[3] Affidavit ipprezentat fit-8 ta' Gunju 2016.

ikkonferma illi s-socjeta` attrici hallset lil Mario Difesa s-somma totali ta' €4,261.88 (Dok. E) u li l-istess assikurat iffirma Discharge & Subrogation Form fid-29 ta' Mejju 2008.

**L-attur Mario Difesa** xehed[4] illi huwa kien ircieva telefonata fejn gie infurmat li kien hiereg hafna ilma mill-gallarija tal-fond tieghu gewwa 6, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema. Dakinhar stess huwa mar fuq il-post u ra illi kien hemm hafna ilma niezel minn xi saqaf tal-fond tieghu u tant kien diehel ilma li beda hiereg mill-gallarija tal-istess fond. Huwa irregistra claim mas-socjeta` Citadel Insurance plc in konnessjoni mal-hsarat subiti fil-fond tieghu minhabba d-dhul tal-ilma, fosthom hsarat ikkagunati fil-bibien u kif ukoll fl-ghamara. Madanakollu, huwa ghazel li jzomm l-ghamara danneggjata ghaliex kellu bzonnu minhabba li l-appartament kellu jigi mikri lil terzi. L-attur ikkonferma illi l-hsarat huma dawk rispekkjati fl-istimi u dokumenti esebiti fl-atti[5], u qal ukoll li huwa kien dahal fl-appartament sovrastanti, tal-konvenut, flimkien ma' certu Conrad li kellu c-cwievet ta' dan l-appartament, izda ma seta' jara xejn.

**Antoine Frantz** li kien *supervisor* impjegat tas-socjeta` attrici fiz-zmien meta gie registrat il-*claim* in kwistjoni, xehed[6] illi fl-10 ta' April 2008 kien cempillu Mario Difesa li huwa klijent tas-socjeta` attrici biex jirrapporta li kien dahallu l-ilma fl-appartament tieghu. L-ghada stess fil-11 ta' April 2008, huwa spezzjona l-fond 6, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema fil-presenza tal-istess Mario Difesa u hejja survey report[7] b'elenku tal-hsarat li gew osservati minnu. Osserva fost ohrajn illi l-ilma li ppenetra fil-fond kien xarrab il-hitan, soqfa u ghamara ta' diversi kmamar, ikkaguna tbajja tal-ilma kif ukoll ghamel hsara fis-sistema tad-dawl, fil-bibien, ghamara u diversi mobbli ohrajn fil-fond. Skont ix-xhud, kien car illi l-ilma ppenetra mill-fond sovrastanti.

[4] 5 ta' April 2017.
[5] Fol. 92 sa 95.
[6] Affidavit a fol. 105 tal-atti, ipprezentat fit-30 ta' Novembru 2016.
[7] Dok. A a fol. 83.

**Verzjoni tal-Konvenut**

Il-verzjoni tal-konvenut, li huwa s-sid tal-appartament 8, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema talanqas dik il-parti li hija relevanti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza dwar il-htija ghad-danni reklamati mill-atturi, hija huwa ma jahtix ghall-hsarat ghaliex il-perkolazzjoni tal-ilma li kkaguna l-hsara fl-appartament sottopost ghall-appartament tieghu, kienet gejja minn hsara li zviluppat f'kanna tal-ilma fil-hajt tal-kamra tal-banju fil-fond tieghu. Huwa qal illi fiz-zmien meta gara dan l-incident u meta effettivament gie mgharraf mill-attur li kien hemm l-ilma diehel mill-fond tieghu, huwa kien imsiefer u ftit seta' jghin. Madanakollu, huwa ta struzzjonijiet sabiex jinghalqu l-*mains* tal-ilma tal-fond tieghu.

Il-konvenut isostni illi ma ghandu ebda tort ghall-hsara li grat fil-fond tal-attur ghaliex billi l-kanna tal-ilma li nfaqghet kienet gol-hajt, il-hrug tal-ilma li spicca jipperkola minnha ma kienx vizibbli u ghaldaqstant dak li gara ma kienx taht il-kontroll tieghu. Hu jiddeskrivi dak li gara meta l-kanna tal-ilma tal-geyser marret, bhala *a pure accident* fejn ma hemm ebda spjegazzjoni warajha wisq inqas negligenza jew tort.

Jikkontesta wkoll il-*quantum* li thallas lill-atturi Mario Difesa in linea ta' kumpens ghall-hsarat sofferti fil-fond tieghu u fil-mobbli. Jikkontesta specifikatament is-somma ta' €100 ghat-tindif tal-post, kif ukoll il-htiega tar-rimpjazzament tal-mobbli kollha fiz-zewgt ikmamar tas-sodda u ta' tliet bibien. Il-konvenut isostni illi mir-ritratti esebiti ma jirrizultax li kien hemm xi hsara li tiggustifika li jsir rimpjazzament minflok riparazzjoni tal-oggetti li setghu gew danneggjati, anke ghaliex l-attur ghazel li jzomm u mhux effettivament jibdel l-ghamara danneggjata.

Jirrigetta wkoll l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici li l-polza tal-assikurazzjoni tieghu ma' Middlesea Insurance plc ma kienetx, wara kollox, tkopri l-hsara kkagunata fil-fond tal-attur, u fl-istess waqt, jistqarr illi huwa qatt ma rcieva ebda

korrispondenza la minghand is-socjeta` attrici u lanqas minghand l-assikuraturi tieghu, ghalkemm huwa ghamel *claim* maghhom in konnessjoni ma' dan l-incident.

Il-konvenut jilmenta wkoll li huwa qatt ma dahal fil-fond tal-attur biex jara l-hsarat li gew sofferti u ma kienx prezenti ghall-ispezzjoni li saret fil-11 ta' April 2008.

Ix-xhieda ta' **Edna Mizzi** u **Clayton Mizzi**[8] hija essenzjalment riproduzzjoni tal-fatti li xehed dwarhom il-konvenut Anthony Mizzi fl-Affidavit tieghu.

## RESPONSABBILITA`

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata u determinata hija dik dwar x'responsabbilta` jista' jkollu l-konvenut fil-konfront tal-atturi ghall-hsarat kawzati fil-fond tal-attur Mario Difesa assikurat mas-socjeta` attrici, cioe` l-appartament numru 6, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema.

Il-Qorti tibda billi tosserva li peress illi din hija azzjoni ghad-danni, ghandhom japplikaw il-principji generali ta' dritt li jinsabu enuncjati fil-Kodici Civili taht it-titolu ta' "Delitti u Kwazi Delitti", senjatament il-principju li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu[9].

In linea ta' principju generali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Dr. Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et**, deciza fil-25 ta' Marzu 2004, qalet hekk:-

"*L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min ..... mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-*

[8] Affidavitsipprezentati fit-18 ta' April 2018.
[9] Artikolu 1031 Kap. 16.

*liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fil-kawża "Bonnici vs Mizzi", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" – Vol.XXIV.I.172.*"

L-Artikolu 1032(1) tal-Kap. 16, imbaghad, jiddisponi illi:-

"*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.*"

Ikkunsidrat;

Illi in materja specifika tar-responsabbilita` ghall-hsarat ikkagunat minn *inter alia* dhul ta' ilma minn fond ghal iehor, huwa stabbilit fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi r-responsabbilita` hija ta' natura oggettiva, b'mod illi s-sid li ghandu taht il-kontroll tieghu dik il-proprjeta` minn fejn torigina l-hsara li tikkawza d-danni, ghandu jwiegeb ghad-danni li jsofri haddiehor minhabba f'dik il-hsara.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited vs Doreen Vella et**[10], li jittratta kaz identiku bhal dak odjern dwar hsarat ikkagunati bhala rizultat ta' ingress ta' ilma fi fond sottostanti ghall-fond fejn gie riskontrat difett f'xi kanna tal-ilma mirduma fil-hajt, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk in propositu:-

"*Ma jista' qatt ikun dubitat in linea ta' principju generali illi* ***kull sid ta' bini hu prezunt li ghandu taht il-kontroll u disponibilita` tieghu mhux biss l-istruttura ut sic imma wkoll l-impjanti u l-installazzjonijiet ta' go fih****. Gie ritenut ghaldaqstant minn din il-Qorti kif presjeduta illi "huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u installazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura illi jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali." Ara "Giovanni Vella et -vs- Michael Cilia", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 23 ta' Gunju, 2004;*" [enfasi ta' din il-Qorti]

[10] Deciza 23 ta' April 2010.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Vella et vs Michael Cilia** tat-23 ta' Gunju 2004 ,li saret referenza ghaliha fil-bran appena citat, gie rapportat illi:-

*"Wiehed necessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda l-impjanti u nstallazzjonijiet ta' go fih. ... Il-mizuri tal-prekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu ritenuti korrelatati mal-ordinarja diligenza. Ghalhekk ma jestendux ghall-konsiderazzjoni ta' mgieba irrazzjonali u l-boghod minn kull logika tad-dover primarju tad-diligenza."*

Ikkunsidrat;

Minn dan kollu jikkonsegwi illi galadarba jintwera illi l-hsara lamentata sehhet minhabba dhul ta' ilma minn fond li kienet taht il-kontroll tal-konvenut, l-oneru jixxaqleb fuq il-konvenut u jispetta lilu imbaghad, illi jipprova li ma jahtix ghall-event dannuz ghaliex, per ezempju, dan kien kaz fortuwitu.

Il-fatt illi kien hemm kwantita` konsiderevoli ta' ilma li dahal fil-fond tal-attur huwa evidenzjat mill-fatt illi skont l-assikurat tas-socjeta` attrici, l-ilma kien hiereg mill-gallarija tal-fond tieghu. Mario Difesa xehed ukoll illi l-ilma kien niezel minn parti tas-saqaf tal-fond tieghu, u f'dan jinsab konfortat mix-xhieda ta' Antoine Frantz li spezzjona l-fond l-ghada li l-attur sab l-ilma diehel, u kkostata wkoll tbajja' tal-ilma f'diversi hitan kif ukoll hsara fl-ghamara, liema hsarat jinsabu elenkati fis-survey report Dok. A.

Huwa inkontestat bejn il-partijiet illi effettivament il-fond tal-konvenut jinasb direttament sovrastanti ghall-appartament ta' Mario Difesa u mill-atti ma jirrizulta minn imkien illi kien hemm appartament iehor li wkoll huwa sovrappost ghall-appartament bin-numru 6 fl-istess blokk appartamenti.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-appartament tal-konvenut, fiz-zmien tad-dhul tal-ilma mertu ta' dan il-kaz, kien vojt u ma kien jghix hadd fih. Il-konvenut innifsu jghid illi ma kienx jghix hemmhekk ghaliex dan il-fond huwa xtrah bhala investiment.

Hawnhekk il-Qorti tosserva illi kien il-konvenut innifsu li stqarr illi hekk kif gie infurmat minn Mario Difesa illi kien hemm ingress tal-ilma mill-fond tieghu ghal go dak sottostanti tal-attur, u dan waqt li huwa kien imsiefer, huwa minnufih ta struzzjonijiet biex jinghalqu l-*mains* tal-ilma tal-fond tieghu. Ma jirrizultax illi minkejja l-waqfien tal-provvista tal-ilma tal-fond tal-konvenut, l-ilma baqa' diehel fil-fond sottostanti. Ghall-kuntrarju, meta l-appartament gie spezzjonat mis-surveyor tas-socjeta` attrici l-ghada li gie notat u rapportat id-dhul tal-ilma, ma sar ebda accenn ghal xi ilma li kien ghadu niezel mis-saqaf, izda gew kostatati tbajja' tal-ilma fuq il-hitan. Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta illi l-perkolazzjoni tal-ilma twaqqfet biss meta nghalqu l-mains tal-ilma tal-fond tal-konvenut.

Ghalkemm il-konvenut ma jghidx meta effettivament gie lura Malta mis-safar, il-Qorti fehmet illi dan kien wara l-ispezzjoni li saret fil-fond tal-konvenut. Il-konvenut xehed illi kif gie lura mis-safar huwa mar immedjatament biex jara x'kien sehh fl-appartament tieghu u rrizultalu illi "*kien mar pajp tal-geyser fil-hajt tal-kamra tal-banju*" tal-fond tieghu. Jissottometti wkoll illi galadarba l-*pipe* ma kienx vizibbli ghax mirdum fil-hajt, ma kienx possibbli ghalih jipprevjeni l-hsarat li gew ikkagunati. Fir-rigward huwa jghid hekk:- "*Tant hu hekk li minhabba l-fatt li dak li gara assolutament ma kienx fil-kontroll tieghi, jiena ghamilt claim ma' l-insurance tieghi …*"[11]

Hawnhekk huwa relevanti in propositu dak li nghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited vs Doreen Vella et**:-

*"Anzi, dejjem fil-kaz ta' l-ispecje hawn ezaminat, s**trettament id-danneggjat mhux tenut jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuza f'min igib fis-sehh l-event dannuz** u, kwazi, kwazi, din hi wkoll irrilevanti in kwantu hu lanqas ma ghandu l-possibilita li jaccedi fil-fond li minnu originat il-hsara u, allura, tezisti ghalih anke id-diffikolta` estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond;*

[11] Affidavit tal-konvenut, Dok. CSH, fol. 119 *et seq*.

*Kif taraha din il-Qorti* ***d-danneggjat hu gravat bl-oneru li jiddemostra li l-event gie prodott b'konsegwenza tal-malfunzjonament jew tal-hsara fl-attrezzatura jew installazzjoni sitwata fil-fond sovrastanti u li tali kienet tirrapprezenta dik il-kondizzjoni necessarja u sufficjenti fil-produzzjoni tal-hsara****. Il-provi in atti dan jikkonfermawh. Jinghad a propozitu mill-Franzoni ("Le obbligazzioni da fatto illecito", Ed. Utet, 2004 p. 292), "In questo modo, il danneggiato è gravato soltanto dall'onere di dimostrare l'esistenza del rapporto eziologico tra la cosa e l'evento del danno, mentre sul convenuto grava l'onere di provare l'esistenza di un fattore, estraneo alla sua sfera soggettiva, idoneo ad interrompere quel nesso causale (Cass. 13 ta' Frar, 2002, Nru. 2075)";*

*Xi haga konsimili nghad minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha tas-7 ta' Frar, 2007 fl-ismijiet "Albert Farrugia -vs- Peter Galea et", u cjoe, "kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjetà` ta' l-appellanti. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzalita bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur. Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-presenza tar-responsabilita` oggettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu wkoll il-principju tar-res ipsa loquitur." Jikkonsegwi minn dan illi* ***r-responsabilita` tissussisti ma' l-accertament posittiv ta' l-ingress ta' l-ilma mill-fond ta' l-appellanti u li dak il-fatt kellu effikacja kawzali fil-produzzjoni ta' l-event tal-hsara****;"* [enfasi ta' din il-Qorti][12]

Ikkunsidrat;

Fl-isfond tal-assjem tal-fatti tal-kaz kif fuq ikkunsidrati, il-Qorti hija konvinta illi effettivament, il-fond assikurat mis-socjeta` attrici garrab hsarat minhabba l-ingress ta' kwantita` sostanzjali tal-ilma diehel mis-saqaf tal-istess fond mill-fond sovrastanti tal-konvenut. Tqis ukoll illi huwa ppruvat fuq preponderanza tal-provi illi l-kawza tal-ingress tal-ilma kien id-difett li l-konvenut kkostata huwa stess meta gie lura mis-safar, fil-pajp tal-geyser li kien jinsab mirdum fil-hajt tal-kamra tal-banju fil-fond tieghu.

Wara kollox, huwa risaput illi f'gudizzju civili il-Qorti trid tiddecidi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet:-

---

[12] Dan it-taghlim gie ribadit u applikat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Emanuel Spiteri et vs Id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt et –** 22 ta' Gunju 2017.

"*… il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo' – Enrico Camilleri v. Martin Borg, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).*[13]

Applikat l-insenjament kollu fuq rapportat ghal dawn il-konkluzjonijiet, stabbilit in-ness guridiku bejn id-danni u l-kawza li tat lok ghall-hsarat, u osservat illi l-konvenut ma ressaqx provi li juru illi effettivament, dan il-fond ma kienx effettivament taht il-kontroll tieghu, il-Qorti hija sodisfatta illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-hsarat subiti mill-assigurat tas-socjeta' attrici fil-fond tieghu, sakemm ma jrnexxilux juri illi l-fatt dannuz kien dovut ghal xi kaz fortuwitu jew *casus*.

Ikkunsidrat;

Effettivament, ghalkemm mhux eccepit specifikatament fir-Risposta tieghu, il-konvenut jiddefendi ruhu proprju billi jikkontendi illi l-hsara fil-fond tal-atturi grat minhabba kaz fortuwitu li bl-ebda mod ma jahti ghalih ghaliex ma jista' jigi rravvizat ebda negligenza jew tort fl-azzjonijiet tieghu li jista' jwassal ghal xi dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tieghu.

Skont principji tad-dritt, jinghad illi l-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jikkonfigurax meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pozittiv jew negattiv, tal-bniedem. Il-Kodici Civili, in propositu, jiddisponi hekk:-

*Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.*[14]

Fis-sentenza taghha tal-15 ta' Dicembru 2003[15], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet illi:-

---

[13] Ara wkoll **Joseph Cassar et vs Anthony Attard et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu 2019.

[14] Artikolu 1029 tal-Kap. 16.

"*... biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forza tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili b'mod li ma jistax jigi evitat bil-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias" (ara sentenza Micallef vs Belle Mc.Cance 7/5/1983 Vol 37 p 2 p 638).*"

Imbaghad, fis-sentenza fl-ismijiet **Simonds Farsons Cisk plc vs Mark Gerald Naylor et**[16], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili riteniet hekk:-

*"Skond id-dottrina u l-gurisprudenza prevalenti l-kawza ghal liema d-debitur mhux imputabbli hi identifikata f'event straordinarju jew imprevidibbli. Dawn huma ezemplifikati fiz-zewg koncetti predominanti tal-kaz fortuwitu jew tal-forza magguri ... Hekk, huwa konkordi illi "il caso fortuito e la forza maggiore e` l'evento non dipendente da azione od omissione volontaria o colposa, non prevedibile e almeno non evitabile" ("Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich et", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919). Li jfisser, illi l-kaz fortuwitu jew il-forza magguri ma jehilsux mir-responsabilita ghad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' minn ikkaguna d-danni. (Ara "Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et", Prim'Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938), ghax allura jitlef in-natura tieghu ta' kaz fortuwitu jew ta' forza magguri, la darba seta' jkun impedut mid-debitur stess permezz tad-diligenza medja u ordinarja tal-bniedem normali li huwa kien obbligat li juza. Ara "Albert Borg Falzon proprio et nomine et -vs- Charles Darmanin proprio et nomine", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju, 1940.*"

Ghalhekk, min jallega li dak li gara kien dovut ghall-*inevitable accident* bhal ma qed jaghmel il-konvenut f'dan il-kaz, fejn qed jghid li dak li gara ma kien tort jew negligenza ta' hadd, ghandu l-obbligu li jippruvah kif ukoll li jeskludi illi l-hsara subita giet preceduta minn xi htija attribwibbli b'xi mod lilu.

B'applikazzjoni ta' dawn il-principji jinkombi lill-Qorti issa tindaga jekk fil-kaz prezenti l-hsara sofferta mill-fond tal-assikurat tas-socjeta` attrici, tistax titqies bhala konsegwenza ta' kaz fortuwitu.

Ikkunsidrat;

[15] **Edward Amato et vs Christopher Agius et**.

[16] Deciza 6 ta' Ottubru 2010.

Kif inghad, biex il-konvenut jista' jillibera ruhu minn din ir-responsabilita` jehtieglu jipprova illi huwa ma kkontribwixxa la pozittivament u lanqas negattivament ghall-fatt dannuz, liema fatt kif rajna jikkonsisti fil-gwast li huwa jghid li sab fil-kanna tal-ilma fil-hajt tal-fond tieghu u fil-perkolazzjoni konsegwenti tal-ilma ghal gol-fond sottostanti. B'zieda ma' dan, il-konvenut irid jipprova wkoll illi dan id-dannu ma kienx precedentement u ragjonevolment prevedibbli minn persuna ta' diligenza ordinarja.

Fil-kaz in ezami, il-konvenut jissottometti illi galadarba l-pipe ma kienx vizibbli ghax kien fil-hajt, dak li gara ma kienx taht il-kontroll tieghu. Minn dan il-Qorti fehmet li l-konvenut irid jghid illi ma kienx possibbli li huwa jipprevjeni u lanqas jipprevedi l-kagun tal-hsara u dak li effettivament sehh.

Fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited vs Doreen Vella et**, il-Qorti tal-Appell citat minn Franzoni biex tindirizza din is-sottomissjoni:-

*"il-**Franzoni** (Op. Cit. p. 291) iwiegeb hekk: La dimostrazione della diligenza del custode è irrilevante; l'elemento soggettivo non entra in gioco ne per l'ignoranzia sullo stato della cosa, ne per la prevedibilità dell'evento ...".*

Qalet ukoll hekk:-

"*... gjaladarba tezisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu innifsu kriterju ta' responsabilita`, in kwantu jimponi fuq min ghandu d-disponibilita` tal-fond, sija materjali, sija guridika, ir-responsabilita` ghas-sehh ta' certi eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-ricerka tan-ness kawzali bejn xi kondotta negattiva tieghu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruhu.*"[17]

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma tista' tirravviza ebda fattur estern li l-ezistenza tieghu huwa mehtieg sabiex jigi riskontrat element ta' fortuwita`, u dan ghaliex il-kagun

---

[17] **Gasan Mamo Insurance Limited vs Doreen Vella et**.

tal-ingress tal-ilma fil-fond sottostanti huwa identifikabbli fil-hsara li l-konvenut jghid li huwa stess ikkostata f'impjant sitwat fil-fond tieghu, liema fond kif rajna kien ukoll taht il-kontroll tieghu. Ghaldaqstant ma jistax jigi ravvizat f'dan l-isfond ta' fatti, l-elementi mehtiega biex jirrendu l-kaz bhala wiehed fortuwitu, cioe` l-elementi ta' imprevidibbilita` jew inevitabbilita`, anke ghaliex pipe mirdum fil-hajt naturalment jista' dejjem jizviluppa xi hsara li twassal ghal hrug u konsegwenti perkolazzjoni ta' ilma ghal isfel.

Ghaldaqstant, is-sitt eccezzjoni tal-konvenut m'hijiex tajba u qed tigi respinta.

**DANNI**

Stabbilit illi l-hsara fil-fond tal-assikurat tas-socjeta` attrici kienet dovuta ghal ingress ta' ilma provenjenti mill-fond tal-konvenut, il-Qorti ghandha issa tghaddi biex tillikwida d-danni li gew effettivament ikkagunati b'dan id-dhul tal-ilma.

Fir-rigward xehed l-attur Mario Difesa, kif ukoll Antoine Frantz li spezzjona l-appartament flimkien mal-istess attur l-ghada li gie rapportat id-dhul tal-ilma, liema xhud ikkostata l-hsara li giet elenkata fir-rapport Dok. A.

Jirrizulta illi l-assikurat tas-socjeta` attrici ottjena stimi ghar-riparazzjoni tal-hsarat fil-hitan u s-saqaf tal-appartament, u kwotazzjoni tal-prezz ghax-xiri ta' zewg settijiet kompluti ta' kmamar tas-sodda, tliet bibien bix-xambrelli, kif ukoll *wall-unit*. Ma jirrizultax mill-provi illi x-xogholijiet ta' riparazzjonijiet tal-gypsum tas-soqfa u l-hitan effettivament saru, talanqas sakemm is-socjeta` attrici hallset is-somma ta' €4,216.87 lill-assikurat taghha u giet istitwita din il-kawza. In effetti, l-unika tiswija li jidher li attwalment saret fil-fond hija dik fis-sistema tad-dawl u servizzi tal-elettriku fil-fond[18]. Fir-rigward tal-ghamara, jirrizulta illi l-attur ghazel li jzomm l-ghamara danneggjata minhabba illi kellu bzonnha, izda ma ngabet l-ebda prova illi effettivament inxtrat xi ghamara jew bibien godda

[18] Dok. D a fol. 94.

sussegwentement in sostituzzjoni ta' dawk il-bibien u mobbli li garrbu l-hsara bhala rizultat tad-dhul tal-ilma.

Il-konvenut jikkontendi illi l-hsarat allegatament subiti huma esagerati u jsostni illi m'huwiex realistiku illi l-ingress tal-ilma gewwa l-fond seta' jikkaguna hsarat fl-ghamara ta' entita` daqstant sostanzjali li jehtieg ix-xiri ta' zewgt ikmamar tas-sodda godda kompluti.

Ikkunsidrat;

Ghalkemm il-Qorti tosserva li l-konvenuti ma ressqu l-ebda provi sabiex jikkontrastaw il-verzjoni tal-atturi dwar il-hsarat li gew ikkagunati fil-fond assikurat, u lanqas intwera kif l-istimi li gew provduti lis-socjeta` attrici m'humiex realistici, il-Qorti wara li rat l-atti, hija tal-fehma illi l-provi prodotti mill-atturi ma jwasslux fihom infushom ghal dak il-konvincenti morali li effettivament l-entita` tal-kumpens li thallas lill-assikurat tas-socjeta` attrici kienet attwalment dovuta. Il-Qorti tqis illi ghalkemm is-socjeta` attrici fil-fehma taghha dehrilha li kellha tikkumpensa lill-assikurat taghha fl-imsemmi somma ta' €4,261.87[19] dan ma jfissirx illi dan ghandu jigi accettat bhala valur veru tal-hsarat.

Huwa minnu illi Antoine Frantz ikkostata personalment il-hsarat li gew elenkati fir-rapport tieghu, u osserva fl-istess rapport illi l-mobbli fiz-zewgt ikmamar tas-sodda u "*3 doors/door frames*" kienu garrbu "*severe water damage*" u kienu diga` bdew jitmermru, izda fl-istess waqt huwa osserva wkoll illi l-*unit* li kien hemm fil-living area "*did not show any signs of damages at the time of the survey*". Madanakollu, ghalkemm ma tressqet ebda prova ohra kwalsiasi li turi illi dan il-*unit* garrab xi hsara u kellu jigi rimpjazzat, il-Qorti tinnota illi s-socjeta` attrici hallset lill-assikurat taghha s-somma ta' €560.97 ghax-xiri ta' *unit* gdid.

---

[19] Wara li tnaqqsu l-*policy excess* fis-somma ta' €116.47 u s-somma ta' €1,000 rapprezentanti *salvage value* – Dok. D a fol. 91..

Il-Qorti tinnota ulterjorment illi ma tressqu ebda provi in sostenn tal-pretensjoni tal-assikurat tas-socjeta` attrici illi l-ghamara u l-bibien **kollha** li garrbu l-hsara, ma setghux jissewwew u kellhom effettivament jigu rimpjazzati. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi r-ritratti esebiti fl-atti, li ma huma xejn cari u lanqas juru l-oggetti kollha li ssemmew fis-survey report[20], ftit li xejn juru hsara, wisq inqas hsara ta' xi entita` sostanzjali. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-ritratti fihom infushom ma joffru ebda konfort ghad-decizjoni tas-socjeta` attrici li tikkumpensa lill-assikurat taghha f'somma rapprezentanti l-prezz ta' ghamara gdida, *multo magis* il-prezz ta' zewgt ikmamar tas-sodda kompluti. Jigi osservat ukoll illi l-assikurat tas-socjeta` attrici fix-xhieda tieghu ma qal assolutament xejn dwar l-entita` ta' dawn il-hsarat u dwar jekk ghamilx tentattiv biex isewwi l-hsara jew jekk kisibx stimi ghat-tiswija tal-ghamara, hlief biex jghid illi huwa ghazel li jzomm l-ghamara danneggjata.

Ma jirrizulta minn imkien lanqas, illi s-*supplier* tal-kmamar tas-sodda u tal-bibien godda li l-prezz taghhom gie kkwotat fl-istima a fol. 95 huwa l-istess wiehed li minghandu kienu originarjament inxtraw il-mobbli danneggjati, u l-Qorti certament m'hijiex sejra taghmel assunzjonijiet u kongetturi biex tasal ghal din il-konkluzjoni. Il-Qorti kienet tistenna wkoll li l-atturi juru b'mod sodisfacjenti f'hiex jikkonsistu l-"*main bedroom*" u "*spare bedroom*" indikati fl-istima a fol. 95 u jekk il-*units* individwali komprizi fihom jikkorrispondux ghal dawk li fihom Antoine Frantz ikkostata l-hsara fid-dokument a fol. 84. Fir-rigward tal-i*spare bedroom*, il-Qorti wkoll ma tistax ma tosservax id-diskrepanza bejn il-mobbli deskritti fid-dokument a fol. 96[21] u dawk elenkati fl-ewwel parti tad-dokument a fol. 96.

Ghall-Qorti, il-provi li rriskontrat fl-atti, konsistenti f'dokumenti li gew rilaxxati minn persuni li lanqas gew prodotti biex jixdhu f'dawn il-proceduri, m'humiex bizzejjed biex jiggustifikaw id-decizjoni tas-socjeta` attrici biex thallas is-somma

[20] Per ezempju, ma jirrizultax illi hemm tliet bibien <u>u</u> tliet xambrelli li fihom il-hsara.
[21] *"… spare bedroom which consists of a single bed and wardrobe"*.

komplessiva ta' €3,077 rapprezentanti l-prezz ta' tliet bibien u tliet xambrelli godda, u zewg settijiet godda kompluti ta' kmamar tas-sodda.

Il-Qorti lanqas tqis illi s-somma ta' €100 li thallset fuq stima ghal servizzi ta' tindif fil-post hija realistika, tenut kont tal-fatt illi l-hsara li garrab il-fond in kwistjoni, li evidentement huwa appartament b'zewt ikmamar tas-sodda, kienet hsara kkagunata bl-ingress ta' ilma. Lanqas jirrizulta illi l-kwotazzjoni relattiva gietx supplita wara li saret spezzjoni tal-appartament u tal-istat li kien jinsab fih.

Fl-istess waqt izda, il-Qorti tqis illi l-ispejjez li gew stmati ghat-tiswija tal-hsarat sofferti fil-hitan tal-gypsum u evidentement fis-saqaf li minnu ppenetra l-ilma mill-fond sovrastanti[22], konsistenti fi tbajja' tal-ilma li osserva Antoine Frantz[23], kif ukoll il-prezz tat-tiswija tas-sistema tad-dawl[24], huma gusti u realistici u ghalhekk tqis bhala gustifikata d-decizjoni tas-socjeta` attrici li thallas dawn l-ispejjez lill-assikurat taghha.

Fil-kumpless ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti hija tal-fehma illi l-atturi fallew fl-obbligu taghhom li jaghmlu dak li ragjonevolment kien mehtieg biex jimminimizzaw id-danni li llum qed jigu reklamati minghand il-konvenut.

Fir-rigward tal-obbligu tad-dannggejat li jimminimizza d-danni, huma applikabbli s-segwenti principji esposti fis-sentenza fl-ismijiet **Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri**[25], fejn gie osservat hekk:-

"*Huwa minnu li di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu* [Vol.XL.II.653] *b'mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' pero` dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas il-hsara* [Vol.XXXVIII.I.249].

[22] Fol. 92 - il-kumpens effettivament imhallas mis-socjeta` attrici wara aggustament fil-prezz kien ta' €492.37.
[23] Fol. 83.
[24] Fol. 94 – il-kumpens effettivament imhallas mis-socjeta` attrici wara aggustament fil-prezz kien ta' €248.
[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell [Inf.] fl-20 ta' Ottubru 2003.

*"Il-kwistjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut"* [App.Civ. Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri 24.1.1969]

Effettivament, mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq premessi, il-Qorti tqis illi l-kontestazzjoni li ghamel il-konvenut fis-seba' eccezzjoni tieghu, hija gustifikata. Dan ifisser illi fil-mankanza ta' provi cari li kienu mehtiega biex jaghtu sostenn lill-quantum ta' kumpens li s-socjeta` attrici dehrilha li kellu jithallas lill-assikurat taghha, u billi jidher li s-socjeta` attrici ma mxietx mal-obbligu taghha illi timminizza d-danni, il-Qorti ma thossx illi l-quantum tad-danni pretizi mis-socjeta` attrici fis-somma ta' €4,261.87 jirrapprezenta d-danni attwalment sofferti. Tqis ghaldaqstant illi l-ammont mitlub huwa eccessiv u ghandu jigi ridott.

Konformement mal-permess, il-Qorti sejra tirriduci s-somma pretiza mis-socjeta` attrici u qieghda tuza l-poter diskrezzjonali taghha li tilliwida a*rbitrio boni viri* t-telf rizarcibbli konsistenti fil-valur tal-hsarat sofferti fil-fond assikurat, ossia d-danni li effettivament ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut, fis-somma komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Euro (€2,700).

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad is-sitt eccezzjoni u tilqa' s-seba' eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' parzjalment it-talba attrici billi filwaqt illi tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-hsara ikkagunata fil-fond Flat 6, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema, tillikwida l-kumpens dovut ghall-hsara kkagunata fl-imsemmi fond fis-somma komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-istess somma ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) u jhallas ukoll lill-attur Mario**

**Difesa s-somma ta' mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) rapprezentanti *policy excess payment,* bl-imghax mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur cioe` 16 ta' Marzu 2010 u bl-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut u kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**